A.L. 17 ta' l-2005

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti ta' l-2005 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad ta' l-2004 għall-Grad ta' Bachelor of Planning (Honours) - B. Plan. (Hons) - taħt il-patroċinju tal-Fakulta` ta' l-Arkitettura u l-Inġinerija Ċivili

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikoli 30(5) u 31(6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakulta' ta' l-Arkitettura u l-Inġinerija Ċivili bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikolu 37(1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 37(2) ta' dak l-Att:

It-Titolu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti ta' l-2005 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad ta' l-2004 għall-Grad ta' Bachelor of Planning (Honours) - B.Plan (Hons) - taħt il-patroċinju tal-Fakultaċ ta' l-Arkitettura u l-Inġinerija Ċivili.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra -

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultaċ ta' l-Arkitettura u l-Inġinerija Ċivili;

"il-Bord ta' l-Istudji" tfisser il-Bord ta' l-Istudji għall-Kors maħtur mis-Senat, li għandu jinkludi membri akkademiċi mill-Fakulta' u mill-International Environment Institute;

"il-Fakulta' tfisser il-Fakultaċ ta' l-Arkitettura u l-Inġinerija Ċivili;

"il-Grad" tfisser il-Grad ta' Bachelor of Planning (Honours) – B.Plan. (Hons); u

"il-Kors" tfisser il-programm tal-kors li jwassal għall-Grad ta' Bachelor of Planning (Honours) – B.Plan. (Hons).

L-Applikabilita'

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2003 jew wara.

Ir-Rekwiżiti Speċjali għad-Dħul fil-Kors

3. (1) Biex ikunu rreġistrati bħala studenti regolari fil-Kors, l-applikanti għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali għad-dħul speċifikati fir-Regolamenti għad-Dħul.

(2) Biex ikunu rreġistrati bħala studenti regolari fil-Kors li jkun offrut minn Ottubru 2005 'il quddiem, l-applikanti għandhom, minbarra li jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali għad-dħul speċifikati fir-Regolamenti għad-Dħul, ikollhom ir-rekwiżiti speċjali għall-kors li ġejjin:

(a) għaddew mill-Ġografija u jew mill-Ekonomija jew mis-Soċjoloġija bi grad Ċ jew aħjar, b'suġġett fil-Livell Avvanzat tal-Matrikola u ieħor fil-Livell Intermedju tal-Matrikola; u

(b) għaddew fil-Livell Intermedju tal-Matrikola fl-Environmental Science bi grad Ċ jew aħjar.

It-Tul tal-Kors

4. Il-Kors jinfirex fuq medda ta' erba' snin akkademiċi ta' studju fuq bażi *full-time*, jew l-ekwivalenti tagħhom fi studju fuq bażi *part-time*.

Il-Programm tal-Kors

5. Il-Kors huwa magħmul minn żewġ partijiet, l-Ewwel Parti, u t-Tieni Parti.

6. (1) L-Ewwel Parti tinfirex fuq medda ta' tliet snin u tikkonsisti f'għadd ta' taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati total ta' 180 kredtu li jinkludu taqsimiet studju li jinvolvu Proġett li għalihom hemm assenjati mill-anqas 20 kredtu.

(2) L-istudenti jkunu ntitolati għall-għoti tal-grad ta' Bachelor of Planning jekk itemmu b'suċċess l-Ewwel Parti, ħlief jekk ikunu eliġibbli u jagħżlu li jkomplu għat-Tieni Parti.

(3) L-istudenti li jiksbu marka medja ta' 65% fl-Ewwel Parti tal-Kors ikunu eliġibbli biex ikomplu għat-Tieni Parti.

(4) L-istudenti li jkunu eliġibbli biex ikomplu għat-Tieni Parti, iżda li imbagħad ma jikkwalifikawx għall-Bachelor of Planning (Honours) ikunu eliġibbli għall-grad ta' Bachelor of Planning.

7. It-Tieni Parti tinfirex fuq medda ta' sena u tikkonsisti f'għadd ta' taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati total ta' 60 kredtu, li jinkludu dissertazzjoni taħt superviżjoni dwar suġġett approvat li għaliha hemm assenjati 20 kredtu.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximent

8. (1) Għall-għoti tal-grad ta' Bachelor of Planning (Honours), il-Marka Medja Finali Mwieżna għandha tkun imsejsa fuq ir-riżultati miksuba fl-erba' snin tal-Kors, li jkollhom dan il-piż:

Il-Marka Medja ta' l-Ewwel Sena	20%
Il-Marka Medja tat-Tieni Sena	25%
Il-Marka Medja tat-Tielet Sena	25%
Il-Marka Medja tar-Raba' Sena	30%.

(2) Għall-għoti tal-grad ta' Bachelor of Planning, il-Marka Medja Finali Mwieżna għandha tkun imsejsa fuq ir-riżultati miksuba fit-tliet snin tal-Kors, li jkollhom dan il-piż:

Il-Marka Medja ta' l-Ewwel Sena	30%
Il-Marka Medja tat-Tieni Sena	35%
Il-Marka Medja tat-Tielet Sena	35%.